MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1/2005

**Zaren Clinton Minton**

**vs**

**Sovereign Hotels Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Jannar, 2005, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“**1. Introduzzjoni**

Dan il-Kaz gie prezentat fit-18 ta’ Marzu 2004 mill-Appellant Zaren Clinton Minton fejn allega li huwa kien gie licenzjat illegalment minn mas-socjetá Sovereign Hotels Ltd. Huwa kien assistit mill-Avukat Leslie Cuschieri. Il-Kumpanija Appellata nnegat dan. Hija kienet

rapprezentata mis-Sur Martin Buttigieg, ***General Manager***, li kien assistit sal-20 ta' Settembru 2004 mill-Avukatessa Ramona Frendo, u minn dik id-data 'l quddiem mill-Avukat Alex Perici-Calascione. Inzammu tnax-il seduta.

Ai termini ta' l-artiklu 78 (1) ta' l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali Kap 452 minhabba n-nuqqas ta' infrastruttura u ghal ragunijiet li jirrizultaw mill-atti ma kienx possibbli li l-kaz jinstema' u jinqata' fiz-zmien preskritt mil-ligi.

**<u>2. Fatti tal-Kaz</u>**

L-Appellant kien jahdem mal-Kumpanija Appellata mis-16 ta' Gunju 1998 sa l-ahhar ta' Settembru 2000 meta telaq minn jeddu biex isib impieg iehor. Iktar tard, f' Novembru ta' l-istess sena huwa rega' impjega ruhu mal-Kumpanija Appellata peress illi l-impieg li kien se jiehu ma sehhx. Huwa gie licenzjat fit-30 ta' Dicembru 2003 allegatament minhabba l-komportament hazin tieghu fuq ix-xoghol. It-Tribunal ghamilha car waqt is-smiegh tal-kaz illi ghad li l-Appellant kien hadem mal-Kumpanija Appellata ghal zewg perijodi b' intervall ta' xi xhur dan il-kaz kien qed jittratta biss l-ahhar impieg tieghu li gie terminat allegatament ghal raguni ngusta.

**<u>3. Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal kellu kwistjoni ftit difficli quddiemu peress illi kien hemm nuqqas ta' qbil serju bejn il-partijiet fuq il-fatti prezentati. Minn naha wahda kien hemm serje ta' akkuzi fuq l-Appellant li fl-assjem taghhom huma sufficjenti biex il-Kumpanija Appellata tipprova l-kaz taghha. Mill-banda l-ohra l-Appellant cahad kompletament l-allegazzjonijiet tal-Kumpanija Appellata u kwazi ried jimplika li kien hemm xi kongura kontrih mill-membri diversi li xehdu. Peress li t-Tribunal kien affaccjat minn sitwazzjoni fejn kien hemm in ballo l-kredibilitá, jew ahjar in-nuqqas taghha, kellu bilfors jgharbel ix-xhieda moghtija u fl-istess hin jimxi skond il-bilanc ta' probabilità.

Irid jinghad illi f’ kazi quddiem it-Tribunal il-livell ta’ prova mhux necessarju li jkun gholi daqs kemm wiehed jistenna per ezempju quddiem Qorti Kriminali. It-Tribunal irid ikun cert li l-principal kellu fattwalment u ragevolment ghax jahseb illi l-impjegat ikun kiser ir-regolamenti wara s’ intendi li jkun ghamel l-investigazzjonijiet necessarji. Ma hemmx il-principju ta’ ***“beyond a reasonable doubt”*** li nsibu fi proceduri quddiem organi gjudizzjarji kriminali.

Fil-kaz in ezami t-Tribunal ried jaccerta ruhu jekk l-allegati akkuzi li gie addebitat bihom l-Appellant kienux reali jew xi hlieqa ta’ min allegahom, rizultat ta’ l-allegata kongura kontrih. Hemm numru ta’ xhieda li qablu fuq l-atteggjament ta’ l-Appellant li mill-banda l-ohra huwa nnega. It-Tribunal deherlu li ghandu jiffoka fuq dak li xehed is-Sur Martin Buttigieg ghas-semplici raguni li l-Appellant jirrispettah u ghandu fiducja fih. Dana jirrizulta mix-xhieda tieghu stess fis-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2004 fol. 51 fejn stqarr testwalment *“He was my superior, I have respect for him, I still have great respect for him; he is a gentleman, he was a gentleman when I was working for him”.* Jirrizulta ampjament car mix-xhieda tas-Sur Buttigieg li mhux biss l-Appellant kien hati ta’ l-azzjonijiet li bihom gie mixli izda li kien imwissi diversi drabi mill-istess Sur Buttigieg fuq l-atteggjament tieghu. Jirrizulta wkoll, wara domanda ta’ l-istess Tribunal (seduta tad-29 ta’ Settembru 2004 fol. 9 - 10) illi t-twissijiet kienu veri twissijiet li kien jaghtih is-Sur Buttigieg li kien jghidlu li *“you are going to lose your job”.*

Bazikament l-allegati nuqqasijiet ta’ l-Appellant gew pruvati. Huma wkoll nuqqasijiet li komplessivament huma serji bizzejjed li jilhqu livell ta’ sufficjenza u b’ hekk jimmeritaw is-sanzjoni estrema ta’ tkeccija mill-impieg.

## 4. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali jsib li l-Appellant Zanen Clinton Minton gie licenzjat minn mal-Kumpanija Appellata Sovereign Hotels Ltd ghal raguni gusta u sufficjenti.

B’ hekk jintemm dan il-kaz.

**<u>5. Drittijiet</u>**

Ghall-iskop ta’ l-Avviz Legali Numru 48 ta’ l-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta’ min assista lill-partijiet fl-ammont ta’ £M40 kull wiehed.”

Ir-rikorrenti jqanqal dawn l-obbjezzjonijiet kontra s-sentenza minnu appellata:

(1) L-ewwelnett illi l-licenzjament mill-impjieg hija sanzjoni estrema applikabbli biss in konsegwenza ta’ incidenti serji;

(2) Fit-tieni lok illi s-sentenza appellata mhix motivata adegwatament;

(3) L-ezami ta’ l-akkuzi ma kellux iwassal ghat-tkeccija tieghu mill-impjieg in kwantu dawk l-istess akkuzi ma kienux komplessivament jammontaw ghal raguni valida fil-ligi ghat-tkeccija;

(4) Fuq bazi ta’ ekwita u gustizzja t-Tribunal ma messu qatt ibbaza ruhu fuq dak li ddepona xhud wiehed;

Bazikament, it-twegiba tas-socjeta` appellata ghal dawn l-aggravji tikkonsisti fl-eccezzjoni ta’ l-inappellabilita` fit-termini ta’ l-Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452;

Jibda biex jigi osservat illi hawn si tratta ta’ Tribunal specjali u appell *ut sic* minn decizjoni tieghu ma jinghatax hlief “<u>fuq punt ta’ ligi</u>”. Fil-kaz prezenti din il-materja hi regolata specifikament mid-dispost appena msemmi. Bhala principju allura mhux lecitu ghal din il-Qorti ta’ revizjoni li tissindika l-apprezzament tal-fatti li jkun ghamel it-Tribunal Industrijali fis-sentenza li issa qed tigi mpunjata mill-appellanti;

Kif inhu sew affermat f’ gurisprudenza kostanti, id-decizjonijiet tat-tribunali ghal dawk li huma konkluzjonijiet ta’ fatt huma finali. Dan ifisser illi jekk il-punt ta’ ligi li fuqu sar l-appell huwa infondat allura l-Qorti, kif ghamlet fil-kaz ta’ ligijiet ohra li similment jaghtu dritt ta’ appell lilha fuq punt ta’ ligi biss ma tidholx biex tezamina l-fatti. Ara decizjonijiet a **Vol. XLI P I p 399** u **Vol. XLII P I p 91** u **p 161**, fost bosta ezemplari ohrajn. Dan iqieghed jigi rilevat in tezi generali u apparti ghall-mument mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz prezenti;

Il-Qorti ser tibda biex tikkonsidra l-aggravju relattiv ghad-dubju prospettat dwar in-nuqqas ta’ motivazzjoni fis-sentenza appellata. Aggravju dan li jikkostitwixxi punt ta’ dritt dwar ir-ritwalita` tad-decizjoni izda mhux dwar il-meritu deciz;

Issa ma jista’ qatt ikun dubitat illi, kif pacifikament akkolt, il-motivazzjoni hi ta’ essenza tal-gudizzju in kwantu kull sentenza hi mistennija li tiddefinixxi kif jixraq id-drittijiet u obbligi civili tal-partijiet. L-oghla Qorti ddecediet dan il-punt billi rriteniet illi, “it-trasparenza fil-gudikati li taghti u ssahhah l-awtorita` taghhom tista’ temergi biss minn motivazzjoni adegwata. Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu kienet tissodisfa fuq kollox il-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni” - “**Gordon Agius -vs- Avukat Generali**”, Qorti Kostituzzjonali, 20 ta’ Dicembru 2000;

B’ applikazzjoni ta’ din l-enuncjazzjoni din il-Qorti ezaminat id-decizjoni appellata u tista’ tghid li mill-korp taghha ma hi bl-ebda mod sostenuta l-allegazzjoni ta’ l-appellant fis-sens minnu sottomess. Hu evidentement distingwibbli illi s-sentenza tikkontjeni motivazzjoni sufficcjenti tal-fehma u tar-raguni ta’ kif it-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu. Il-parti operattiva tas-sentenza li fuqha hu bazat id-dispozittiv hi dik hekk koncepita:- It-Tribunal beda biex irregistra illi s-soluzzjoni tal-kwestjoni li kellu quddiemu ma kienetx facli in kwantu kienet tippernja

ruhha fuq il-kredibilita`. Huwa ghadda mbaghad, kif hekk kien del resto mistenni minnu bhala aggudikatur tal-meritu, biex iddetermina, fuq l-investigazzjoni tieghu tal-versjonijiet, illi kellu jakkorda affidament u kredibilita` aktar lill-versjoni tas-socjeta` appellata. Biex wasal ghal dan it-Tribunal ma jidherx li strah fuq l-awtorita` tieghu biss imma, kif rifless fil-parti razzjonali tas-sentenza, sab elementi ta' korroborazzjoni tant fix-xhieda ta' Martin Buttigieg kif ukoll fic-cirkostanzi generali tal-kaz. Tajjeb jew hazin, fl-apprezzament tieghu huwa hass li l-mizien tal-kredibilita` ghandu jeghleb favur is-socjeta` appellata. Dak li ghamel it-Tribunal kien biss semplici gudizzju tal-provi u sostanzjalment ikkonkluda li kien sodisfatt illi dawn l-istess provi kienu jilhqu dak il-livell bastanti biex in-nuqqasijiet attribwiti lill-appellant jitqiesu gravi bizzejjed li jiggustifikaw il-licenzjament tieghu. Indubitament ghal din il-Qorti s-sentenza appellata tinsab sew motivata in kwantu mis-suespost wiehed jista' finalment jintravedi l-hsieb li wassal lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu;

Huwa dezumibbli minn dan appena ikkonstatat illi l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal kienu biss registrazzjoni u apprezzament tas-sottomissjonijiet fattwali tal-kontendenti. Rigwardata allura minn din il-perspettiva s-sentenza mhix censurabbli minn din il-Qorti u allura s-sottomissjonijiet ta' l-appellanti fir-rigward ma jistghux ikunu ta' vantagg ghall-akkoljiment ta' l-appell tieghu;

Mill-ottika tad-dritt din il-Qorti lanqas ma ssib illi t-Tribunal enuncja xi principji zbaljati in materja ta' provi u ghalhekk ma jistax jinghad li adopera xi kriterji skorretti tal-ligi. F' kazijiet bhal dan hija pratika li jittiehdu in konsiderazzjoni certi principji regolaturi. Hekk insibu a propozitu fis-sentenza riportata a **Vol. L P II p 440** illi "il-konflitt tal-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn f' kawza civili huma generalment sufficcjenti ghall-

konvinciment tal-gudikant”. Fil-hsieb tal-Qorti, it-Tribunal adit jidher li ma tbieghedx minn dan l-insenjament u, anzi ottempera ruhu sew mieghu. Konsegwentement, anke minn konsiderazzjoni ta’ dan l-aspett ta’ dritt, din il-Qorti ma tarax kif tista’ tammetti l-aggravju;

Kwantu ghall-aggravji l-ohra din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma tarax kif tista’ ragonevolment tirraviza fihom punti ta’ ligi. Meta t-Tribunal bhala fatt wasal ghal konkluzjoni, in bazi ghall-provi illi n-nuqqasijiet ta’ l-appellanti kienu sufficcjentement serji dan mhu xejn hlief valutazzjoni ta’ fatt li, *ope legis*, ma jaghtix lok ghall-appell. Dan b’ risposta ghall-ewwel u ghat-tielet aggravji kif hawn fuq riportati. Kwantu ghall-ahhar aggravju, trattasi tar-rilevanza tal-prova tax-xhud Martin Buttigieg, anke hawn il-Qorti ma tarax li jezisti ebda punt ta’ ligi. Il-fehma tat-Tribunal, f’ kaz ta’ rilevanza, hi fehma ta’ att diskrezzjonali u xejn izjed, u allura l-appellant ma jistax jibbaza l-assunt tieghu ta’ l-appellabilita` tad-decizjoni fuq din il-bazi;

Huwa veru li x-xhud imsemmi kien iffirma ittra rakkomandatorja favur l-appellant izda huwa daqstant iehor veru mill-inkartament tal-kaz illi dik l-ittra (fol. 20) inkitbet fil-25 ta’ Settembru 2000, jigifieri qabel ir-ri-impjieg tieghu fis-6 ta’ Novembru 2000. Anke jekk bis-sottomissjoni tieghu intiza li tattakka l-kredibilita` tax-xhud, l-appellanti kien qed jirrikorri, anke jekk dan mhux espressament dikjarat, ghad-dispost ta’ l-Artikolu 586 (1) tal-Kapitolu 12, tajjeb li jinzamm fil-mira logika illi biex il-kredibilita` tax-xhud tkun tista’ tigi attakkata hemm bzonn li d-dikjarazzjoni ta’ qabel tkun stabbilita sew. Dan ghaliex dik id-disposizzjoni tant importanti turi li x-xhud ma jigix imwaqqa bis-semplici allegazzjoni ta’ dikjarazzjoni precedenti inkonsistenti imma min-nuqqas tax-xhud li “jispjega” dik id-dikjarazzjoni inkonsistenti meta tkun saret u fil-mument li tkun saret. Gja gie rilevat illi dik id-dikjarazzjoni saret qabel ir-ri-impjieg ta’ l-appellanti u allura din il-Qorti kwantu ghall-allegat inkonsistenza ma tistax taghtiha dik l-importanza li qed jippretendi l-appellanti;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi l-appellant ma rnexxielux jimpunja s-sentenza appellata b' mod adegwat. Fuq kollox din il-Qorti ma sabetx li hemm verament dak il-punt ta' ligi li jsemmi l-Att XXII ta' l-2002 u li fuqu in essenza jista' jirpoza l-appell.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza attakkata tat-Tribunal Industrijali. L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu sopportabbli mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------